MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2015

Rikors Numru. 236/2014

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, wara li ppremettiet :

Illi l-partjiet izzewgu fil-5 ta' Settembru tas-sena 1982. Kopja tac-Certifikat taz-Zwieg qed jigi anness u mmarkat Dokument A;

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal x u yli illum huma maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-sena elfejn u tlettax (2013) u dan ai termini ta' Kuntratt ta' Separazzjni fl-Atti tan-Nutar Dottor Pamela Mifsud Bonnici datat it-8 ta' Mejju 2013 (08.05.2013). Kopja tal-kuntratt qed jigi anness u mmarkat Dokument B;

Illi kif rifless fl-istess kuntratt senjatament l-Artikolu 1, il-partijiet ilhom *de facto* separati sa mill-2007 u cioe' sebgha snin, u fil-fatt ir-rikorrenti kienet qed tghix adirittura gewwa pajjiz iehor (l-Ingilterra) ghal oltre erbgha snin;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li l-partijiet ilhom snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi ai termini ta' l-Artikoli 2 u 3 tal-Kuntratt ta' Separazzjoni, il-partijiet irrinunzjaw b'mod definittiv mid-dritt li jitolbu manteniment minghand xulxin u ghalhekk l-ebda manteniment ma huwa dovut minn jew a favur ir-rikorrenti;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizjzonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-Zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimat illi giet ikkonfermata bil-gurament tieghu, li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi fl-ewwel lok u ghal kull buon fini l-esponenti qieghed formalment bil-prezenti jaghti ruhu b'notifikat kemm bir-rikors promotur kif ukoll bl-avviz ghas-smigh tal-kawza ghad-9 ta' Dicembru 2014;
2. Illi ghar-rigward il-mertu, dak kollu li esponiet ir-rikorrenti fir-rikors promotur huwa korrett u veru;
3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontenenti. Kif fil-fatt qalet ir-rikorrenti fir-rikors promotur, il-kontendenti ilhom separati de facto mill-2007 u llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
4. Illi z-zewgt itfal li twieldu miz-zwieg taghhom huma maggorenni u t-tnejn jahdmu;
5. Illi l-ebda manteniment m'huwa dovut mill-esponenti lir-rikorrenti u vici versa, stante li a tenur tal-klawsoli 2 u 3 tal-kuntratt ta' separazzjoni taghhom (liema kuntratt gie esebit mir-rikorrenti mar-rikors promotur) il-kontendenti rrinunzjaw b'mod definittiv ghad-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin;
6. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti huma ammessi u l-esponenti jissottometti bir-rispett kollu illi din il-Qorti ghandha tilqaghhom;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Lulju, 2014;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta’ Mejju 2013, izda ilhom de facto separati mis-sena 2007;

Illi Qorti rat illi ir-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------